**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 7452/2023**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Raoul Sammut**

**<u>Illum 21 ta' Novembru, 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Raoul Sammut** detenur tal-karta tal-identita Maltija **168402L**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-28 ta' Diċembru, 2022 għall-ħabta ta' 16.51hrs ġewwa Triq it-Tiġrija, Marsa:

- Saq vettura numru ABM047 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni;

- Bil-ħsieb biss li jagħmel użu temporanju mill-vettura numru ABM047, kemm jekk mexxijha b'forza mekkanika, kemm b'mezz ieħor, ikun li jkun, saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kellu l-kunsens tas-sid tagħha jew awtorità legittima oħra.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar id-9 ta' Lulju,2024, fejn sabitu hati tal-akkuzi u gie kkundannat ihallas il-multa ta' Euro 2,500 w gie skwalifikat milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' 12 -il xahar mid-data tas-sentenza .

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Raoul Sammut, preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-24 ta' Lulju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fl- appellanti fuq imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu filwaqt li tirrevokha u tvarjaha fdik il-parti fejn fuq l-appellanti ġiet inflitta fuqu piena tal-iskwalifikazzjoni mil-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' 12-il xahar.u dan taht kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi, filwaqt huwa minnu li fil-kawza **<u>II-Pulizija vs Paul Azzopardi</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Awwissu 2006 intqal illi l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu "*ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin*" huwa minnu wkoll li l-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta jagħti diskrezzjoni II-Qorti li tista' tghati ordni mod iehor[1] rigward

[1] (2A) kul min jinsab hati ta reat that dan l-artikolu ghandu **<u>( hlief jekk il-qorti ghal rgunijiet sepcjali tikkunsidra li Tordna mod iehor</u>** u minghajr pregudizzju ghs-a setgha tal-qorti li tordna zmien twal ta' swkalifika) jigi skwalidifikat milli jkollu jw li jikksb licenzja ts-sewqan ghal zmien ta tnax-il xahar mid-data li jkun gie misjub hati

jekk għandux ikun hemm skwalifika mil-liċenzja tas-sewqan, u dan jekk il-Qorti jidrilha li hemm "*raġunijiet speċjali*"[2].

Illi, f'dan il-każ, din l-Onorabbli Qorti għandha tara li l-appellant ma kienx qiegħed isuq bi traskuraġni, negligenza jew nuqqas ta' osservazzjoni ta' regoli tat-traffiku. L-inċident seħħ biss minħabba li tilef il-kontroll tal-vettura a kawża tal-kundizzjonijiet tat-triq (kif xehed l-appellant kien hemm in-nida u t-triq kienet imxarrba) wara li kellu jirwi għax il-vettura ta' quddiemu waqfet f'salt wieħed.

Illi, minkejja n-nuqqas ta' kopertura ta' assikurazzjoni fil-konfront ta' terzi, kif jixhed l-appellant, hu rranga u ħallas kollox f'inqas minn xahar. In fatti, l-appellant mhux jikkontesta s-sejbien ta' ħtija jew il- multa, iżda jishaq li in vista tal-fatti tal-każ, fejn ma hemm l-ebda prova ta' sewqan negligenti, u l-fedina penali tiegħu, il-multa ta' €2,500 u t-telf tal-liċenzja tas-sewqan għal tnax-il xahar flimkien huma eċċessivi.

Illi, l-appellant qiegħed jipprova jfittex impjieg, u jeħtieġ li jkollu liċenzja tas-sewqan valida sabiex jingħata l-opportunità li jaħdem (stante li l-maġġoranza tax-xogħlijiet li huma applikabbli għall- appellant jeħtieġu liċenzja tas-sewqan) u b'hekk, jekk ma jkollux liċenzja għal tnax-il xahar, dan ikun ifisser li l-appellant ha jiġi preġudikat u jkun soġġett għal telf ta' xogħol għal sena sħiħa minħabba l-piena nflitta mill-Qorti, li b'hekk titqies bħala piena sproporzjonata u eċċessiva tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha.

Illi, l-appellant umilment jissottometti li l-għan tal-piena m'għandiex tkun waħda intiża biex issawwat, iżda sabiex tirriforma u tiggwida lill-persuna imputata in kwistjoni. Meta din l-Onorabbli Qorti tqis li l-appellant diġà ġie kkastigat suffiċjentement billi ma kellux polza li tkoprih għad-danni li kkawża lil terzi li

[2] Il-Pulizija vs Tyronn Cutajar ( Appell 1850/2024/1NC) deciz 11 ta Lulju 2024

kellhom jithallsu minn butu, kif ukoll il-multa ta' €2,500, jirriżulta ferm eċċessiva li jigi ikkastigat bin-nuqqas ta' qliegħ għal sena wkoll.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ghar-rikors tal-appell prezentata seduta stante nhar it-23 ta′ Ottubru 2024.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikros tal-appell u dan fis-seduta ta′ nhar it-23 ta′ Ottubru 2024.

**Ikkunsidrat**.

Jinghad in primis li ir-rikros tal-appell qed isir mhux mill-htija li sabet l-ewwel Qorti u lanqas mill-multa li giet inflitta kif donnu ried ifisser l-Avukat Generali fir-risposta tieghu izda mill-ordni ta′ swalifika ta′ licenzja ta′ sewqan ghal-perijodu ta′ sena li nghatat mill-ewwel Qorti flimkien mal-piena. Ghalhekk din il-Qorti sejra tindirizza biss il-kwisjtoni dwar l-ordni ta′ skwalifika biss.

L-appellant jisħaq illi huwa qiegħed jipprova jfittex impjieg, u jeħtieġ li jkollu liċenzja tas-sewqan valida sabiex jingħata l-opportunità li jaħdem u ghalhekk it-tneħħija tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu għal kwalunkwe perijodu ta′ żmien jippreġudika l-possibilita li jkollu introjtu u konsegwentement l-għejxien tiegħu. Hu jirreferi wkoll għall-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta sabiex din il-Qorti tikkonsidra li hu jiġi eżentat minn din l-iskwalifika *in toto.*

L-appellant instab ħati ta′ reati taħt il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta′ Malta fosthom saq vettura numru ABM 047 minghajr ma kien kopert b′polza ta′ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta′ terzi persuni filwaqt li kien qiegħed isuq vettura taħt l artikoli 3 (1) tal-Kapitolu 104 li għal dak li jirrigwarda l-piena, hija regolata taħt l-artikolu 3 (2A) tal-istess Ordinanza li tipprovdi s-segwenti:-

*(2A) Kull min jinstab ħati ta′ reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-*

*qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati:*

Illi l-iskop tal-legislatur li jikkwalifika l-Artikolu 3(2A) u jaghti lil Qorti l-fakulta' sabiex ghal ragunijiet specjali tikkunsidra li tordna mod iehor minflok tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan, kien proprju sabiex ikopri sitwazzjonijiet simili ghall-kaz odjern fejn hemm zball li jikkwalifika ghall-cirkostanzi specjali.

lli huwa minnu li l-artikolu 3(2A) tal-Kapitolu 104 fuq citat jaghti lill-Qorti l-fakulta' li ghar-ragunijiet specjali tikkonsidra li minflok tordna l-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tnax (12) il-xahar mid-data li jkun gie misjub hati, tordna mod iehor, u ghalhekk din il-piena ma hiex wahda tassattiva w ghalhekk din il-Qorti mhix prekluza – kif forsi setghet hasbet l-Ewwel Qorti – li kienet prekluza milli teroga perjodu ta' sospenzjoni inqas twil.

Illi l-fatt li l-appellant qed ifittex impieg u li possibilment ser jkollu bzonn il-licenzja tas-sewqan tieghu ma jistax jigi meqjus li hija raguni specjali l'ghaliex il-Qorti m'ghandhix tordna l-iskwlaifika tal-licenzja tas-sewqan u dan in linea mal-principju *imputet sibi.*

Illi f'dan il-kaz mill-ezami tac-cirkostanzi allegati fir-rikors tal-appell, din il-Qorti ma tara li hemm assolutament ebda raguni specjali sufficjenti skond il-ligi biex tiggustifika perjodu ta' skwalifika inqas minn dan preskritt mill-Ligi jew li titnehha l-iskwalifika ghal kollox w ghalhekk ma hemmx lok li jigi varjat il-perjodu tal-iskwalifika erogat mill-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma s sentenza appellata.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**